MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Numru. 685/2012

**SPETTUR RODERICK AGIUS**
**VS**
**JOE FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joe Farrugia bin Michael Farrugia u Vincenza nee' Calleja, mwieled Birkirkara fl- 24 ta' Settembru 1964, residenti 1, Shalom, Triq Cipru, Naxxar u detentur tal-Karta tal- Identita' 530464M;

Talli;

1. nhar it- 13 ta' Gunju 2012 wara nofsinhar gewwa Santa Venera u f' dawn il- Gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €490

ghad- detriment tal- kumpanija TerraCore, Aflred Xerri u/jew persuni ohra;

2. ukoll talli fl- istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b' ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 325 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tikkundannah xahar prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' mija u hamsa u sittin ewro u ghoxrin centezmu (€165.20) fi zmien xahar lil TerraCore Ltd ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ma ssibux hati tat- tieni (2) akkuza u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------